# Il-Pesta fl-1813: Testment ta' Dun Filippu Calleja u xi Prekawzjonijiet f'Ħaż-Żebbuġ



Vince Peresso

## Introduzzjoni

Il-pesta f'Malta dejjem ġiet impurtata minn xi post ieħor – bosta drabi mill-Ivant tal-Mediterran. Hekk ġara meta, nhar it-28 ta' Marzu 1813, waslu Malta numru ta' xwieni taħt l-iskorta tax-xini Navali Ingliż, *Badgers*[1]. Ġew minn Lixandra, fejn kien hemm imxija qawwija tal-Pesta Bubonika. Fost dawn ix-xwieni kien hemm il-Brigantin *San Nicolò* bil-kaptan Antonio Maria Mascarà mill-Isla. Tul il-vjaġġ il-brigantin *San Nicolò* kellu żewġ baħrin li mietu bil-pesta, kif iddikjara it-tabib tax-xini Ingliż. Naturalment dawn indifnu fil-baħar, u hekk kif wasal Malta l-brigantin tqiegħed għall-kwarantina fil-port ta' Marsamxett. Ittieħdet kull prekawzjoni meħtieġa. Hekk li l-kaptan u l-baħrin ġew imġegħla jinżlu fil-baħar għarwenin ħuta, nagħtaw ilbies nodfa u tqegħdu fil-Lazzarett, waqt li x-xini ġie siġillat u tqiegħed taħt l-għassa tal-gwardjani sanitarji[2].

L-awtoritajiet tas-saħħa ma ħadu xejn pjaċir li dax-xini kien jinsab fil-port u ordnaw li jittieħed 'il barra u jinħaraq bit-tagħbija b'kollox.[3] Iżda is-sidien tax-xini u tat-tagħbija talbu li jieħdu x-xini lura lejn Lixandra, bit-tagħbija b'kollox u b'ekwipaġġ ġdid. Il-Kummissarju Ċivili, Sir Hildebrand Oakes laqa' dit-talba u x-xini salpa lura lejn Lixandra nhar l-10 ta' April 1813[4], fejn wasal fid-destinazzjoni qawwi u sħiħ u mingħajr ebda każ ta' pesta fuqu. Sadattant iżda il-kaptan Mascarà u l-assistent tiegħu, li tul l-vjaġġ fatali kienu assistew liż-żewġ baħrin li kienu mietu bil-pesta, huma wkoll mardu u mietu bil-pesta fil-bidu t'April waqt li kienu l-Lazzarett.

Għalkemm mad-daqqa t'għajn deher li Malta skansat il-periklu, l-affarijiet ħadu xeħta għall-agħar hekk kif it-tabib Francesco Leon Gravagna ssejjaħ jara tfajla ta' madwar 8 snin fid-dar tal-iskarpan Salvu Borg fi 227 Triq San Pawl, ix-xaqliba l-oħra tal-Belt Valletta. It-tifla mietet nhar is-19 ta' April, l-għada tal-Għid. Għad li kellha deni qawwi u t-tabib issuspetta li setgħet kienet infettata għall-ewwel beda jiddubita kemm fil-fatt kienet infettata. Kull dubju marlu ġimagħtejn wara, nhar l-ewwel ta' Mejju, meta mardet ukoll l-omm, li kienet fis-seba' xahar tat-tqala. Did-darba t-tabib Gravagna telaqlu kull dubju hekk kif eżaminaha u ra l-infafet u tbajja ċari tal-pesta. Irraporta l-każ lill-Kumitat tas-Saħħa u bdew jittieħdu prekawzjonijiet, iktar u iktar kif fl-istess żmien mietet il-qabla li kienet qed tieħu ħsieb mart l-iskarpan u xi nies oħra qrib tal-qabla. Qabel xejn il-familja Borg, li kienet tinkludi n-nanniet, anzjani sew, u nies oħra ttieħdu l-Lazzarett f'nofs ta' lejl. Hemm, għad li mhux mal-ewwel, bosta minnhom sfaw vittmi tal-pesta, inkluż l-istess Salvu Borg[5].

Sar allarm sħiħ u anki l-Isqof Ferdinando Mattei, li kien Għawdex jagħmel vista pastorali, fil-bidu ta' Mejju ġie lura Malta. Nhar il-5 ta' Mejju nħarġu regolamenti mill-Awtorijiet tas-Saħħa fejn ħeġġu lin-nies jagħmlu attenzjoni għall-mard, id-djar tal-belt żaruhom it-tobba għall-ispezzjoni tal-morda u n-nies ġew projbiti jinġabru flimkien imma jibqgħu fi

djarhom. Bl-istess mod ingħalqu l-ħwienet, is-suq u postijiet tal-kummerċ, ingħalaq it-teatru u l-iskejjel[6] u l-isqof Mattei ordna li l-knejjes tal-Belt jingħalqu u ħeġġeġ li tingħata karità u kull għajnuna oħra. Iktar tard l-ordni tal-għeluq tal-knejjes ġiet estiża għall-knejjes kollha ta' Malta. L-isqof ordna li fil-knejjes issir quddiesa waħda kuljum mill-qasiss waħdu u permezz tad-daqq tal-qniepen il-popolazzjoni minn darha tkun tista' tgħid ir-rużarju[7].

Għad li għall-ewwel deher li l-pesta setgħet kienet taħt kontroll, ma damx wisq biex il-każi tal-pesta bdew jiżdiedu kuljum. Valletta għalhekk inqassmet fi tmien distretti, fejn permezz ta' barrikati u gwardji ġie limitat u kontrollat iċ-ċaqlieq tan-nies min-naħa għal oħra. Kull distrett kellu kumitat ta' tliet persuni biex jamministrawh[8]. Madankollu, u minkejja dan kollu, il-pesta ħarġet anki 'l barra minn Valletta.

Il-Kumitat tas-Saħħa beda kuljum joħroġ notifiki u proklami biex il-popolazzjoni żżomm ruħha aġġornata dwar is-sitwazzjoni kritika. Inħarġu regolamenti regolari, ħafna drabi stretti u bil-pieni ħorox għall-ksur tagħhom[9]. Permezz ta' dawn in-notifiki nafu l-ismijiet uffiċċjali ta' min kienu l-vittmi bil-pesta mill-bidu ta' Mejju sal-aħħar t'Ottubru tal-1813. Hekk dit-tabella turina kif il-pesta xterdet mad-diversi nħawi ta' pajjiżna.

| | |
|---|---|
| 5 ta' Mejju | Valletta |
| 18 ta' Mejju | Lazzarett/Manoel u l-Gudja |
| 19 ta' Mejju | Rabat u Notabile |
| 20 ta' Mejju | Xatt tal-Belt |
| 22 ta Mejju | Ħal Luqa, Ħal Qormi u Ħ'Attard |
| 26 ta' Mejju | Ħaż-Żebbuġ |
| 27 ta' Mejju | Il-Furjana |
| 28 ta' Mejju | Birkirkara u Ħad-Dingli |
| 29 ta' Mejju | Il-Birgu, il Karkara u Bighi |
| 30 ta' Mejju | Ħaż-Żabbar |
| 1 ta' Gunju | Imqabba |
| 6 ta' Ġunju | Ħal Lija u iż-Żurrieq |
| 9 ta' Ġunju | Tas-Sliema u San Ġiljan |
| 11 ta' Ġunju | In-Naxxar |
| 12 ta' Ġunju | L-Isla u l-Mosta |
| 17 ta' Ġunju | Kordin |
| 20 ta' Lulju | Il-Pietà u Msida |
| 21 ta' Lujju | Ħal Tarxien |
| 25 ta' Lulju | Raħal Ġdid |
| 22 ta' Awwissu | Il-Marsa |
| 6 ta' Settembru | San Pawl il-Baħar |
| 11 ta Settembru | Is-Siġġiewi[10] |

Għad li minn Ottubru r-rata ta' każi ġodda naqset drastikament, il-pajjiż kellu jistenna sad-29 ta' Jannar 1814 sakemm il-Gvernatur Sir Thomas Maitland iddikjara li Malta kollha, minbarra Ħal Qormi, kienet ħielsa mill-pesta. Dak in-nhar tkanta it-Te Deum fil-Konkattidral ta' San Ġwann bl-Isqof u l-Gvernatur jattendu minn fuq it-tronijiet tagħhom.

### F'Ħaż-Żebbuġ

Kif il-pesta daħlet Ħaż-Żebbuġ diffiċli wieħed jistabbilixxi b'ċertezza. Jista' jkun li



*Reġistrazzjoni tal-ewwel mewt bil-pesta f'Ħaż-Żebbuġ.*

daħlet permezz ta' xi nies li minħabba il-pesta ħarġu minn Valletta u ġew joqogħdu għand xi qraba tagħhom f'Ħaż-Żebbuġ jew f'xi proprjetà li kellhom.

Li nafu żgur hi li l-ewwel vittma kienet Ġulia Muscat, ta' 35 sena, u l-mewt tagħha ġiet rapurtata nhar is-26 ta' Mejju, mela mietet jum qabel. Infatti l-kappillan Scicluna rreġistraha b'din id-data, u xi ħadd iktar tard niżżel nota laterali, b'kaligrafija differenti, *"fù prima che morì con la peste"*[11]. Ftit ġranet wara, fil-11 ta' Ġunju, miet żewġha Gratio ta' 30 sena. Bl-istess kunjom fl-ewwel ġimgħat insibu wkoll lil Paola, li l-kappillan ma niżżilhiex, u li mietet l-għada ta' Ġulja, għalhekk diffiċli nistabbilixxi l-parentela. Mill-ewwel vittmi bil-kunjom Muscat huma reġistrati Giovanni ta' 50 sena u ibnu Michele ta' 30 sena, li mietu t-tnejn fid-9 ta' Settembru. Familji oħra bikrija li ntlaqtu bil-pesta f'Ħaż-Żebbuġ kienu l-familji Formosa (Andrea, Rosa u Giuseppe) u Spiteri (Grazia, Rosa u Maria waqt li Giovanni hu rapurtat marid biss)[12]. Iżda hekk kif daħlet malajr sabet art fertili biex tinxtered, u meta tara l-kunjomijiet tal-vittmi malajr tintebaħ li kien hemm nuklei sħaħ familjari li jispiċċaw vittmi. Hekk kien jiġri tista' tgħid f'ħafna postijiet – timrad persuna u ftit wara timrad il-bqija tal-familja. Dan minħabba l-iffullar ta' familji kbar fi djar żgħar jew kerrejiet, u ħafna drabi minħabba l-injuranza, nuqqas ta' iġjene, traskuraġni u ksur sfaċċat tar-regolamenti. Tant hu hekk fejn kien hemm dixxiplina – bħalma kien hemm l-Isla, li l-logutenent tagħha Vincenzo Bonavita sakkar il-bibien u ma ħalla lil ħadd jidħol u joħroġ – it-tixrid tal-pesta jew kien evitat jew kien kontrollat mill-ewwel.

F'Ħaż-Żebbuġ, u l-istess f'Ħal Qormi u f'Birkirkara, jidher li kien hemm laxkezza kbira fit-tħaris tar-regolament, tant hu hekk li f'Ottubru l-Gvernatur Sir Thomas Maitland ordna li dawn l-irħula jitqegħdu taħt għassa b'kurduni ta' suldati madwarhom biex jikkontrollaw id-dħul u l-ħruġ, b'sistema militari. Fl-istess ħin dawn l-irħula nqassmu f'għadd ta' distretti biex ikunu faċilitati ż-żamma tal-ordni u d-dixxiplina. Minn fost l-irħula kollha dawn kienu l-aktar li kellhom vittmi – Ħal Qormi madwar 900, Ħaż-Żebbuġ 691 u Birkirkara 261. Dwar dawn iċ-ċifri tajjeb nagħti spjega kif wasalt għalihom. Ta' Ħaż-Żebbuġ u Birkirkara ħadthom minn tabella pubblikata mill-Baruni Gius.M. De Piro fil-ktieb tiegħu *Ragguaglio Storico della Pestilenza che afflisse le Isole di Malta e Gozo 1813-1814*, li bejn wieħed u ieħor qablu ma' dawk li ġew ippubblikati fin-notifiki. Dawk ta' Ħal Qormi ikkalkulajthom meta eżaminajt u qabbilt il-listi uffiċċjali maħruġa mill-Kumitat tas-Saħħa u mir-reġistru parrokkjali fil-Parroċċa ta' San Ġorġ[13].

L-aħħar erba' vittmi reġistrati fin-notifiki fl-aħħar ħmistax t'Ottubru 1813 huma Spiteri Gio:Maria, Sciortino Teresa, Sciortino Margherita u Buhagiar Gio:Maria[14].

## Testment ta' Dun Filippo Calleja

Jien u nqalleb fir-reġistri tan-nutara li ħadmu fi żmien il-pesta u fis-snin ta' wara ltqajt ma' żewġ każi u partikolari għal Ħaż-Żebbuġ. L-ewwel wieħed fosthom hu t-testment ta' Dun Filippu Calleja.

Dun Filippu, saċerdot żelanti ta' 35 sena, fin-notifika tal-10 ta' Settembru hu mniżżel fost il-vittmi, waqt li fin-notifika tad-29 ta' Awwissu hemm imniżżla ommu Rosa[15]. Dan juri mela

li l-marda tal-pesta daħlet fid-dar Calleja permezz tal-omm. Terġa' il-fatt li dawn iż-żewġ persuni huma mniżżla biss mal-persuni mejta u fil-jiem ta' qabel mhux imniżżla mal-morda, jista' juri li dawn ħbew is-sintomi li kellhom fuqhom u ma rraportawx il-fatt li huma morda. Din kienet sitwazzjoni pjuttost komuni, aktarx ġejja mill-biżgħa li jintbagħtu fil-barrakki jew tined barra mir-raħal fejn kienu jinġarru l-infettati.

Hekk kif ħassu ma jiflaħx sew u nduna li wasal fl-aħħar Dun Filippu sejjaħ lilll-Kappillan Dun Tommaso Scicluna sabiex jassistih u miegħu jħalli l-aħħar disposizzjonijiet tiegħu. Il-Kappillan ħa miegħu żewġ saċerdoti oħra, lil Dun Salv Scerri u lil Dun Ġwanni Scerri. Quddiem dawn ix-xhieda Dun Filippu qabad biċċa njama żgħira (260mm x 20mm x 8mm) u fuqha kiteb x'kienu l-aħħar xewqat tiegħu, għaddieha lis-saċerdoti li ffirmaw isimhom fuqha bħala xhieda u żammha l-kappillan. Intużat din il-proċedura billi kienu jaħsbu li l-karta tista' titrasmetti l-pesta minn persuna għal oħra. Ftit wara Dun Filippu miet u ndifen fiċ-ċimiterju tal-infettati. Illum il-fdalijiet u monument tiegħu jinsabu fiċ-ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù f'Ħaż-Żebbuġ[16], fejn ġew trasportati fl-1952, kif turi nota fi-reġistru tal-mwiet miżmum fl-Arkivju parrokkjai ta' Ħaż-Żebbuġ[17].



It-testment ta' Dun Filippu Calleja fuq injama.



Il-Monument ta' Dun Filippu Calleja fiċ-Ċimiterju Qalb ta' Ġesù.

Għad li f'Malta jinsabu daqs tużżana dokumenti miktuba fuq l-injam fi żmien il-pesta tal-1813, dan hu l-unika testment li nkiteb fuq injama u għadu jeżisti[18]. Dan l-aħħar l-awtur skopra wkoll tliet referenzi għal dokumenti oħra miktuba fuq l-injam, li iżda ma waslux sa għandna. Dawn huma:

- Ittra miktuba fuq l-injam bħala rċevuta fil-bejgħ ta' bagħal minn Paolo Zammit li Michele Baldacchino. Din l-ittra inkitbet nhar il-25 ta; Mejju 1813 f'Bormla, u għalhekk tidher li hi l-iktar dokument bikri ta' dokumenti miktuba fuq l-injam fi żmien il-pesta tal-1813[19].
- Tliet irċevuti maħruġa minn Giovanni Caruana lil Bernardo Camenzuli u Battista Bugeja, ilkoll minn Ħal Qormi, għal servizz mogħti waqt il-kwarentena f'Ottubru u Novembru 1813. Dawn ġew traskritti minn Dun Ġwann Micallef u mgħoddija lin-Nutar Giuseppe Micallef li kkupjaw f'kuntratt datat 17 ta' Jannar 1817[20].
- L-aħħar xewqat ta' Salvatore Cachia miżmuma fir-reġistri tal-Kappillan Dun Pietro Farrugia ta' Ħal Qormi, qabel ma' dan Cachia ttieħed fil-Lazzarett fejn imbagħad miet. Inkitbu fuq biċċa injama mit-tabib Ciaja li kien qed jieħu ħsiebu, fil-perjodu a' meta Ħal Qormi waħdu kien mgħasses u mdawwar b'ċint doppju bejn Jannar u Lulju 1814[21].


Reġistrazzjoni tal-mewt ta' Dun Filippu.

Din l-injama baqgħet taħt il-ħarsien tal-Kappillan Scicluna sakemm għadda l-perjodu tal-pesta u mbagħad għaddiha lil Dun Filippo Pullicino, kuġinuh min-naħa tal-omm. Sabiex dan id-dokument jkollu valur legali u sabiex jinkiteb mill-ġdid, peress li l-linka kienet pjuttost imżelġa, Dun Filippo Pullicino, iben it-tabib Arcangelo, mar flimkien ma' Dun Ġwann Xerri għand in-nutar Giuseppe Caruana sabiex tkun reġistrata b'mod uffiċċjali u Legali. In-Nutar Caruana meta raha talab l-għajnuna ta' żewġ esperti tal-kalligrafija – Enrico Cauchi li kien jaħdem il-Qorti u ta' Pietru Pawl Bonello – u quddiem l-Imħallef Dr Giuseppe Muscat, imbagħad traskriviha fost r-reġistru tiegħu[22]. B'hekk illum għad għandna kopja awtentika tat-testment, kif ukoll l-injama oriġinali llum tinsab miżmuma bl-akbar għożża fl-Arkivju tan-Nutar tal-Gvern.


Il-kuntratt ta' Indrì Zammit għand in-Nutar P.P. Amato.

Permezz t'hekk nafu li Dun Filippo Calleja ma jidherx li kellu xi testment ieħor. Hu ħalla l-proprjetà rurali li kien wiret min-naħa ta' missieru lill-kuġini Mikel'Angelo u Simone Spiteri, lil Dun Ġwann Camilleri u lil Ġużeppi Bezzina min-Naxxar. Il-proprejetà min-naħa t'ommu Rosa flimkien mad-deheb u flus ħallihom lill-kuġini Maria, Dun Filippo, Dionisio u Arcangelo Pullicino. Lil dawn il-kuġini Pullicino iżda rabathom li jagħtu Sc400 karità lill-orfni tar-raħal sew dawk li jinsabu fl-orfanatrofju ta' Ħaż-Żebbuġ u f'dak ta' Valletta. Rabathom ukoll li jagħtu Sc300 lill-konfraternità mwaqqfa minn Mons Pellerano. Ħafer ukoll mitejn skud lil Vittoria Muscat jekk din iċċedi l-kawża li kien hemm bejniethom u lil dawk il-bdiewa li kellhom kirjiet għandu ħafrilhom l-ewwel mitt skud tal-qbiela. Lil Kappillan ħallielu tletin skud u ħafer ukoll somom iżgħar lil diversi debituri oħra[23].

Bħala esekutur testementarju ħalla lil Dun Ġwann Xerri, u bi tpattija tax-xogħol ħallielu l-abiti sagri tiegħu u l-kalċi bil-kundizzjoni li wara mewtu Dun Ġwann jgħaddihom lill-parroċċa ta' San Filep.

## Siġillar ta' Kmamar

It-tieni każ ta' żmien il-pesta u li hu partikolari għal Ħaż-Żebbuġ jitratta dwar siġillar ta' kmamar f'għadd ta' djar fejn il-propretari qed jaqflu xi għamara, ħwejjeġ u oġġetti prezjużi biex jippreservawhom. Inżommu quddiem għajnejna li wieħed mir-regolamenti bikrin kien jordna li drappijiet, ħwejjeġ, ċraret, ħbula, rix u karti li m'hemmx użu għalihom kellhom jinħarqu. Barra minn dan jekk l-pesta kienet tidħol ġo xi dar kien isir żgumbrament sħiħ tad-dar. Lill-vittmi jġorruhom għad-difna bla wisq ċerimonji jew l-iktar l-iktar xi funeral sempliċi. Lill-morda jeħduhom fi speċi ta' sptarijiet ta' osservazzjoni li kienu nħolqu f'għadd ta' postijiet. Lin-nies l-oħra jeħduhom ġol-barrakki tal-injam aktarx f'xi għalqa

f'tarf ir-raħal. Imbagħad ibattlu d-dar u jaħarqu ħwejjeġ, karti u għamara. Hekk minbarra il-flaġell tal-mard inħoloq flaġell ieħor tal-faqar. Ħafna spiċċaw ta' fuqhom senduqhom.

Sabiex jiskansaw minn dan, numru ta' Żebbuġin talbu lin-nutar Pietru Pawl Amato jiġi d-dar tagħhom. Hemm għażlu kamra fejn fiha poġġew l-aktar affarijiet prezzjużi li kellhom u din ġiet siġillata min-nutar. B'hekk jekk tidħol l-pesta fid-dar l-oġġetti ma jintmessewx. Kienu 17-il persuna li rrikorrew għal din is-sistema. Mela kull darba n-nutar Psaila qabel xejn ta' diskrizzjoni tal-kamra – il-pożizzjoni tagħha fid-dar, kemm hi kbira, u kemm għandha aperturi. Imbagħad ta' deskrizzjoni taż-żigarella li uża – il-kulur, il-wisgħa u t-tul. Fl-aħħar nett spjega kif rabat iż-żigarella ma' diversi punti fil-kamra. Din imbagħad issakkret minnu u għadda l-istess ċavetta lill-propretarju u fl-aħħar nett in-nutar ssiġġilla kollox.

Bħala eżempju qed inġib dak li hemm miktub fil-kuntratt ma' Andrea Zammit bid-data tas-17 ta' Lulju:

*volendo egli preservare dal corrente contagio alcune sue robe, e mobili, ha perciò stabilito di riporli in una sua stanza soprana, ed avendola io pred° ed infra° Not° minutamente osservata e con tale occassione rilevato non esservi per essa altri ingressi, che due fenestre che danno per la publica strada una in due e l'altra in una ed inoltre una porta che da per un'altra stanza contigua. Quindi dopo ripostivi dal d° Andrea le sudd^e robe e mobili ho ordinato che si chiudessero dette due fenestre, e vi si attaccassero due fettuccie di color rosso della lunghezza di un palmo e larghezza di un pollice, imponendovi nell'estremità di ciascun di esse l'infr° mio suggello. Indì in simil maniera, che si chiudesse la porta di d^a cammera, e dopo fermata tale porta colla sua chiave, e presa dal d° Andrea ho segnato le due estremità d'una fettuccia di simil colore, lunghezza e larghezza*[24].

Li liberalment maqluba għal Malti tiġi hekk: *billi minħabba il-marda preżenti ried jippreserva xi oġġetti u għamara, iddeċieda li jqegħdhom ġo kamra fis-sular ta' fuq. Wara li jien, in-nutar, osservajtha bl-ikbar reqqa, innutajt li ma kellha ebda daħla oħra ħlief żewġ twieq – waħda tagħti għat-triq u l-oħra għal kamra oħra fil-ġenb. Għalhekk wara li dan Andrea qiegħed fiha dawk l-oġġetti u għamara, jien ordnajt li jingħalqu ż-żewġ twieqi, u magħhom irbatt żewġ żigarelli ħomor twal daqs xiber u wisgħin pulzier, u f'kull tarf tagħhom poġġejt is-siġill tiegħi. Bl-istess mod, ordnajt li tingħalaq il-kamra u wara li l-kamra ssakkret bil-muftieħ tagħha, li nżamm mill-istess Andrea, qgħedt il-firma tiegħi f'kull tarf taż-żigarella tal-istess lewn, tul u wisgħa".*

Fl-aħħar nett għamel diskrizzjoni tas-siġill tiegħu li n-Nutar Amato ddeskrivieh hekk: *Col mio sugello indicante un cervo, che guarda al sole con alcune erbe alle zampe. (bis-siġill tiegħi juri ċerv iħares lejn ix-xemx u xi ħaxix ma' saqajh)*



Nota tal-Kappillan Tommaso Scicluna mwaħħla fil-qoxra ta' quddiem fuq ġewwa tar-reġistru.

F'dawn il-kuntratti ngħatat attenzjoni kbira u metikoluża min-Nutar Amato biex jiddiskrivi l-kmamar. F'kull kuntratt iddeskriva kemm kellha bibien u twieqi u għalfejn kienu jagħtu. Saħansitra f'kuntratt minnhom, dak ta' Rosa Zarb, stqarr li bieb minnhom li kien jagħti għal fuq il-bejt qed jiġu mbarrat bil-ġebel. Iż-żigarelli li ntużaw kienu ta' kulur differenti – ħomor, ċelesti, blù, bojod, rosa – li jindika li

ż-żigarella kienet provduta mill-abitanti tad-dar. L-affarijiet, ħwejjeġ u oġġetti li qed jinqaflu ġew deskritti biss f'żewġ kuntratti. Dan sar billi fil-kamra kienu qed jinqaflu affarijiet ta' persuni oħra. Għalhekk Giovanni Dimech iddikjara li fil kamra qed iqiegħed xi affarijiet ta' zitu Roża li kien jgħix magħha. L-affarijiet taz-zija kienu żewġ gredenzi mimlija ħwejjeġ, kaxxa bi statwa tal-Bambin, xkora mimlija b'aktar ilbies u saqqu mimli bis-suf u kutra tas-suf[25]. Anki Paolo Said iddikjara li fil-kamra mal-affarijiet tiegħu qed iqiegħed sittax il-pezza ta' drapp fin ta' qoton abjad li huma ta' Mauruzzo Camilleri. Said qed jiddikjara ukoll li fil-kamra anki jaqfel għoxrin pezza ta' drapp simili imma ta' kwalità inferjuri li huma ta' Michele Debono, kif ukoll pezza ta' *"bordato"* ta' Saverio Bonnici[26]. Dawn jindikaw li dawn l-erba' irġiel kienu jew ħajjata jew bejjiegħa tad-drappijiet.

F'kuntratt minnhom Roża Zarb, anki ħasbet li taqfel f'kamra tad-dar tagħha dawk il-ħwejjeġ li aktarx kienu se jkun tagħha b'dota billi hi deskritta bħala *figlia vergine in capillis del fù Francesco*, liema deskrizzjoni turi li kienet għarusa lesta għaż-żwieġ. Fl-istess ħin ħasbet li jinqaflu fl-istess kamra affarijiet ta' ħutha Onorata, Grazia u Maria u tan-neputijiet Marianna u Saverio[27].

Dawn is-sbatax-il kuntratt saru kollha fi żmien ġimgħa bejn l-għaxra u s-sbatax ta' Lulju 1813 u saru hekk:

- 10 ta' Lulju – Teodoro Grech; Michele Debono
- 12 ta' Lulju – Rev Felice Pace; Antonio Quattromani; Giovanni Dimech
- 13 ta' Lulju – Felice Said; Pasquale Vassallo; Vincenzo Farrugia, aramatorio; Mastro Angelo Saliba
- 15 ta' Lulju – Paulo Said; Rosa Zarb;
- 17 ta' Lulju – Mastro Giuseppe Bajada; Giorgio Buttigieg; Andrea Zammit; Joseph Felici; Pasquale Aquilina; Mastro Giovanni Sciortino;[28]

Minn dawn is-sbatax kienu erba' biss li fil-fatt svaw vittmi tal-pesta. Dawn huma Dun Felice Pace miet fid-29 ta' Awwissu, Antonio Quattromani li miet fil-15 ta' Lulju mela tlitt ijiem wara li għamel il-kuntratt, Pasquale Vassallo li miet fil-5 ta' Settembru, u Rosa Zarb li mietet fis-17 ta' Awwissu.

F'iktar riċerka li għamilt ma rnexxilix insib kuntratti li juru kif sar il-ftuħ ta' dawn il-kmamar wara li għadda ż-żmien tal-pesta.

## Konklużjoni

Xhieda ċara tat-tbatija li għaddew minnha missirijietna f'dan iż-żmien qalil jagħtiha il-Kappillan Tommaso Scicluna b'nota li waħħal fil-qoxra ġewwenija tar-reġistru tal-mwiet fejn hu niżżel l-ismijiet tal-mejtin f'dak iż-żmien iebes. Il-kappillan waħħal karta li hu kiteb fl-1818, ħames snin wara, fejn stqarr li minħabba li f'dawk ix-xhur bejn Mejju u Ottubru 1813 hu kien okkupat ħafna fl-assistenza għall-morda u moribondi, u ma setax iniżżel l-imwiet hekk kif seħħu: *"nello scorso contagio dovendo impiegare tutta la giornata nell'amministrare i sacramenti agl'impestati non potevo calendare nel proprio giorno la morte dei fedeli"*[29]. Għalhek ma rnexxilux jirreġistra l-imwiet fil-mument opportun u kiteb bosta minnhom minn informazzjoni li ġabar mill-familjari jew ħbieb u ġirien. Barra minn dan numru ta' mwiet saru fil-barrakki u fil-Lazzarett. Jistqarr ukoll li jista' jkun hemm xi żbalji. Fil-fatt fil-*Liber Mortuarium* Parrokkjali hemm diversi diskrepanzi ma' dawk reġistrati fl-Arkivji Nazzjonali. L-aħjar eżempju ta' dan hi r-reġistrazzjoni ta' Dun Filippu

Calleja li l-kappillan niżżel li miet nhar it-13 ta' Settembru meta fil-fatt hu kien miet tlett ijiem qabel.

Wieħed jista' jifhem u jgħader lill-Kappillan Scicluna. Fuq kollox dan jirrefletti t-tbatija tal-epoka.

## Referenzi


1 Biblijoteka Nazzjonali Malta (BNM): LBR818/10, data 28 Marzu 1813.
2 CALVERT Robert: *An Account of the Origin and the Progress of the Plague in Malta in 1813*; (1815), pġ.6.
3 CASSAR Paul: *Medical History of Malta, (1964)*, p.176.
4 Arkivju Nutarili Valletta (NAV): *Nutar Salvatore Camilleri*, R139 vol5 ff.810$^{v}$ -812$^{r}$: 8/4/1813: Sumptum: Marcum Giov. Tarabocchia.
5 DEPIRO GM: *Ragguaglio storico della pestilenza che afflisse le isole di Malta e Gozo negli anni 1813 e 1814;* (1838), *passim*.
6 Arkivju Nazzjonali Malta (NAM): GMR 1 fol.1 data 5 ta' Mejju 1813.
7 Arkivju Arċiveskovili Malta: AAM vol. Mattei 1809-24 fol.118: bid-data 24 ta' Mejju 1813.
8 NAM: *GMR 1, fol.40, data 3 Ġunju 1813.*
9 NAM: GMR 1 & 2, *passim,* hemm kopja tan-notifiki kollha li nħarġu mill-5 ta' Mejju sat-30 ta' Ottubru 1813.
10 *Idem*
11 Arkivju Parrokkjali Żebbuġ (APŻ): Lib.Mort. vol.4/458.
12 NAM: *GMR 1 fol.30, 33, 43, 47, 49, 53 & 55.*
13 Billi Ħal Qormi baqa' infettat sa' Lulju 1814 allura l-aħjar sors li minnu wieħed jiġbor dettalji dwar l-imwiet hu r-reġistru parrokkjali.
14 NAM: *GMR 2 fol.86, 87, 98 & 99.*
15 NAM: *GMR 2 fol.36 & 50;* APZ, Libr.Mort. vo.4 fol.
16 BONNICI Eman: *Il-Flaġell tal-Pesta f'Malta fl-1813*; Rivista annwali tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851,2015, p.257
17 APŻ: *Lib.Mort. vol4/458*
18 CASSAR Paul & GANADO Albert: *Two more Documents of 1813 written on wood during the Plague of Malta*; Melita Historical vol 4/1976; pp.356-362.
19 NAV: *Nutar Leopoldo Battajlle, R53 vol.50 fol.3et: Apoca pro Paolo Attard @ Michele Baldacchino; 1 Sett 1813.*
20 NAV: *Nutar Giuseppe Micallef, R357 vol.10 fol.57-67: Transactio inter Joseph Bezzina @ Barbaram Caruana; 21 Sett. 1817.*
21 NAV: *ibid, vol.7 fol.200-205: Contractus Adm. R.Parr.Civit. Pinto Petrum Farrugia @ Proc. Ven. Lampada*. 6 Novembre 1814
22 NAV: *Nutar Giuseppe Caruana,* R152 vol.5 fol.411-416 *Transumpto Testamenti Rev Philippi Calleja;* 26 April 1814.
23 Ibid.
24 NAV: *Nutar Pietro Paolo Amato, R22 vol.3. ff.482$^{r}$-483$^{r}$: Obligatio per Andrea Zammit; 17 Lulju 1813.*
25 NAV: *ibid: f.467$^{v}$-469$^{v}$: Obligatio pro Giovanni Dimech; 12 Lulju 1813.*
26 NAV:ibid: *f.474$^{v}$-476$^{v}$: Obligatio pro Paulo Said;* 15 ta' Lulju 1813.
27 NAV: *ibid: f.476$^{v}$-478$^{r}$: Obligatio pro Rosam Zarb;* 15 ta' Lulju 1813.
28 NAV: *ibid: ff.462- 487:* Diversi kuntratti ta' Obligazzjoni bejn 12 u 17 ta' Lulju.
29 APŻ: Lib.Mort. vol.4 fil-qoxra minn ġewwa.


**Il-kitba fuq il-monument ta' Dun Filippu Calleja li jinstab fiċ-Ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù, Ħaż-Żebbuġ**

Dun Filippu Callejja
Saċerdot skont il-qalb t'Alla
Waqqaf u għana l-missjoni l-Kbira
Miet bil-pesta fit-13 ta' Settembru 1813.
Kien l-ewwel midfun fiċ-Ċimiterju
Ta' Sant'Andrija
U bit-tħabrik tal-istess Missjoni
Il-fdal u l-monument li kellu fuq qabru
Inġiebu hawn f'dan iċ-ċimiterju
Fl-24 ta' Settembru 1956
Biex ismu u l-ħidma tiegħu
Ma jintesewx.